# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 109/2018 MH**

**Illum, 7 ta' Lulju, 2021**

**Stephen Smith u Waterbus International Limited**

**vs**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, l-Avv. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrenti tad-9 ta' Frar 2018** permezz ta' liema ġie premess: *Jesponu bir-rispett:*

*1. Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur ta' l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi l-esponenti kienu parti mill-kawza fl-ismijiet Avv. Simon Tortell noe vs G.S. Specialist Vehicles Limited et (Cit. 1213/08 JZM), liema kawza giet deciza fit-28 ta' Frar 2017, u llum ghaddiet in gudikat;*

*3. Illi fit-22 ta' Jannar 2018, l-esponenti gew notifikati b'ittra ufficjali Nru. 148/18 intavolata mill-intimat Avv. Martin Fenech, permezz ta' liema ittra ufficjali l-istess intimat talab li jithallas id-drittijiet indikati fit-taxxa ufficjali tal-Qorti li ppretenda li kienu dovuti lilu, u liema ittra kienet intiza biex trendi l-istess taxxa ufficjali ezegwibbli. Kopja ta' l-istess ittra tinsab hawn annessa esebita u mmarkata bhala DOK.A;*

*4. Illi l-esponenti qeghdin jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-intimat Avv. Martin Fenech kif dedotta fl-istess ittra ufficjali, u dan stante li parti minn dak reklamat minnu gie intaxxat b'mod erronju mill-intimat l-iehor, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali;*

*5. Illi l-intimat Avv. Martin Fenech kien inhatar bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta s-socjeta` attrici estera Chonghaejin Marine Company Limited, wara li, lejn l-ahhar tal-kawza, din baqghet mhux rapprezentata hawn Malta, u dan sabiex il-kontro-talba f'dik il-kawza setghet tinstema u tigi deciza;*

*6. Illi waqt l-andament tal-kawza, fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2014, il-kawza giet differita sine die;*

*7. Illi l-kawza kellha taqa' dezerta fis-27 ta' Mejju 2015;*

*8. Illi fis-26 ta' Mejju 2015, l-esponenti kienu intavolaw zewg rikorsi - wiehed sabiex il-kawza, limitatament ghall-kontro-talba, tigi riappuntata, u iehor sabiex, limitatament ghall-kontro-talba, jinhatru kuraturi deputati sabiex*

*jirrapprezentaw is-socjeta` attrici estera Chonghaejin Marine Company Limited, li spiccat minghajr rapprezentazzjoni hawn Malta, u ghal dan il-ghan inhatru l-intimat Avv. Martin Fenech u P.L. Jeremy Buttigieg fit-8 ta' Gunju 2015;*

*9. Illi cio` nonostante li l-hatra ta' l-intimati Avv. Martin Fenech u P.L. Jeremy Buttigieg bhala kuraturi deputati sehhet wara li l-kawza principali marret dezerta, l-intimat l-iehor, Registratur Qrati Civili u Tribunali xorta wahda intaxxa dritt professjonali ghall-kuraturi deputati, hawn intimati, li fit-taxxa ufficjali hija registrata u datata ghas-26 ta' Mejju 2006 [recte 2016];*

*10. Illi ghaldaqstant, ghandu jirrizulta b'mod car u manifest li dawn id-drittijiet gew intaxxati bi zball stante li ma jistax ikun li jinghata dritt lil kuratur deputat li jirrisali ghal qabel il-hatra tieghu, u f'liema parti mill-procedura huma kienu ghal kollox neqsin;*

*11. Illi anke minn ezami tar-rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati ta' l-esponenti ghandu jirrizulta li l-hatra tal-kuraturi deputati intalbet b'mod specifiku u limitat ghall-iskop tal-kontro-talba, u ghaldaqstant anke ghal din ir-raguni l-kuraturi deputati m'ghandhomx jiehdu dritt professjonali ghat-talba principali, li ma kellhomx x'jaqsmu maghha;*

*12. Illi in oltre, in kwantu ghall-intimat P.L. Jeremy Buttigieg, huwa ma rrafigura imkien f'din il-kawza, u skond informazzjoni li ghandhom l-esponenti lanqas ghadu jservi ta' prokuratur legali stante li ottjena l-lawrja ta' Avukat fl-2013, u ghaldaqstant zgur ma setax iservi bhala prokuratur legali fil-vesti ta' kuratur deputat fid-data tal-hatra tieghu. Ghaldaqstant, anke ghal din ir-raguni l-esponenti jhossu li ma hux gust li jkun hemm kwalsiasi dritt professjonali intaxxat favur l-istess Jeremy Buttigieg;*

*13. Illi d-drittijiet tal-kuraturi deputati gew intaxxati permezz ta' taxxa addizzjonali u ghalhekk, sabiex ma jkun hemm ebda malintiz, huwa l-kontenut ta' din it-taxxa addizzjonali li l-esponenti qeghdin jikkontestaw permezz ta' din il-procedura;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tordna t-thassir tat-taxxa addizzjonali mahruga fil-25 ta' April 2017 favur il-kuraturi deputati, intimati Avv. Martin Fenech u Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg, u tordna lill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali biex jerga' johrog taxxa addizzjonali mill-gdid fejn id-dritt professjonali ta' l-istess intimati kuraturi deputati, elenkat:*

*1) taht id-data 26-May-06 taht Dritt registru dezerta, fis-somma ta' €6,434.53 ghall-Avukat, u €2,144.84 ghall-Prokuratur Legali, kif ukoll*

*2) taht id-data tat-28 ta' Frar 2017 taht Dritt registru k/talba, Dritt prokuratur legali fis-somma ta' €31,585.38*

*jithassru, u t-total taht il-kolonna Attur Kuraturi tinhadem mill-gdid biex tirrifletti dan it-thassir.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat **ir-risposta tal-avukat Dr Martin Fenech tal-5 ta' Marzu 2018**[1] li permezz tagħha eċċepixxa –

*"1. Illi t-talbiet huma nfondati kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt stante li t-taxxa nħadmet tajjeb u ma fihiex ebda żball.*

*2. Illi t-taxxa eżistenti nħadmet tajba u għandha tibqa' fis-seħħ."*

Rat **ir-risposta tal-PL Jeremy Buttugieg tas-16 ta' Marzu 2018**[2] permezz ta' liema eċċepixxa –

*Nesponi bir-rispett illi l-informazzjoni elenkata fir-rikors ta' Stephen Smith et v. Registratur, Qrati Civili u Tribunali et, precizament fi klawsola 12, hija skorretta u dan ghaliex:*

1. *Jiena ottjenejt il-warrant ta' avukat fis-6 ta' Settembru 2016 (Dok A) wara li gradwajt b'dottorat fil-ligi mill-Universita ta' Malta fis-sena 2015, u dan a kuntrarju ta' dak elenkat fir-rikors imsemmi, l-b'mod skorrett isemmi s-sena 2013, is-sena meta jiena ottjenejt il-warrant ta' prokuratur legali, precizament fit-23 ta' Mejju 2013 (Dok B);*
2. *Jiena komplejt inservi u naqdi d-dmirijiet u l-obbligi kollha tieghi bhala kuratur deputat, kemm qabel u kif ukoll wara li ottjenejt il-warrant ta' avukat imsemmi f'punt 1;*
3. *Mid-data tal-hatra tieghi bhala kuratur deputat fil-kawza msemmija fir-rikors Nru 109/2018, jiena dejjem poggejt lili nnifsi ghad-disposizzjoni ta' l-Avv. Martin Fenech, kuratur deputat mahtur fl-imsemmija kawza;*

[1] Fol 8
[2] Fol 12

4. *Sa mill-bidu tal-kawza msemmija, jiena dejjem gejt notifikat, segwejt u zammejt ruhi nfurmat bl-andament tal-kawza, u dan a kuntrarju ta' dak elenkat fir-rikors imsemmi.*

*Ghaldaqstant jiena intitolat ghad-dritt ta' prokuratur legali fil-kawza msemmija, skond il-ligi.*

Rat **ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali tas-6 ta' April 2018**[3] permezz ta' liema eċċepixxa –

1. *Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap 12 maghmula mill-attur in rigward il-kawza bin-numru 1213/08JZM fl-ismijiet Avv. Simon Tortell noe vs G.S. Specialist Vehicles Ltd liema talba ta' ritassa l-esponenti jissottometti li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt inter alia ghal dawn ir-ragunijiet:*
2. *Illi t-taxxa li tinsab esebita mar-rikors promotur tar-rikorrenti giet mahduma sabiex tippreciza d-drittijiet ta' Dr Martin Fenech u l-PL Jeremy Buttigieg abbazi tal-fatt li mal-hatra taghhom bhala kuraturi, u l-fatt li l-kuraturi gew notifikati bil-kawza, skatta d-dritt taghhom. F'dan il-kaz peress illi l-kuraturi gew appuntati wara li l-attur f'dik il-kawza gew sprovvisti minn avukat u ghlahekk dahlu fiha wara avukat u prokuratur legali iehor, ghandhom terz (1/3) tad-dritt shih u fil-fatt hekk gie intaxxat dan id-dritt skont l-artikolu 33 (ii) tat-=Tariffa E tal-Iskeda A annessa mal-Kap 12;*
3. *Illi fir-rigward tat-tmien punt tar-rikorrenti l-esponenti jissottometti illi ndipendentament minn kif saret it-talba ghall-kuraturi, fil-verita il-kuraturi gew appuntati qabel mal-kawza principali giet dikjarata dezerta mhux kif qed jghid ir-rikorrenti. Il-kuraturi gew nominati permezz tad-*

---

[3] Fol 15 et seq

*Digriet datat 8 ta' Gunju 2015 (Dok X) u l-kawza giet dikjarata dezerta fit-8 ta' Ottubru 2015 (Dok Y). Ghaldaqstant ghandhom dritt ghal terz kemm tal-kawza kif ukoll tal-kontro-talba. (Vide sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Dr Anthony Cutajar vs Direttur Qrati Civili u Tribunali" deciza fit-2 ta' Marzu , 2018 fejn din il-Qorti spjegat l-applikabilita tal-artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap 12)*

4. *Il-punt mqajjem mir-rikorrenti fejn qed jghid illi l-kuraturi deputati gew intaxxati permezz ta taxxa addizzjonali, jinghad illi dan il-kliem "taxxa addizzjonali" sar bi zvista meta giet komputata t-taxxa mis-sezzjoni tat-taxxi. Il-kliem fuq it-taxxa kellu jkun "Dritt dovut lill-kuraturi deputati..." minn meta assumew 'l quddiem. Fil-fatt fit-taxxa tal-kawza kollha (Dok Z) id-dritt jidher shih-minnu 1/3 huwa dovut lill-kuraturi (li mbghad saret it-taxxa dovuta lilhom u li llum qed tigi attakata) u z-zewg terzi l-ohra huma dovuti lill-avukat li kien qed jippatrocina l-atturi fil-bidu tal-kawza. Ghaldaqstant id-dritt shih ta €19,305.50 irid fil-fatt jigi maqsum 2/3 lill-ewwel avukat u l-1/3 lill-kuraturi (kif imnizzel fit-taxxa tal-kuraturi) u l-istess id-dritt shih tal-kontro talba li huwa €284,268.40 fejn 2/3 huwa dovut lill-ewwel avukat u l-1/3 lill-kuraturi (kif imnizzel fit-taxxa tal-kuraturi).*
5. *Illi r-rikorenti qed jargumenta li l-PL Buttigieg ma setax jagixxi bhala prokuratur legali peress li ghandu l-lawrija ta' avukat. Illi r-rikorrent ghandu jindika minn fejn jirrizulta li min ghandu lawrija ta' avukat ma jistax jagixxi ta' prokuratur legali. Fil-fatt fl-atti tal-kawza ma jidher li kien hemm ebda rinunzja ta' patrocinju.*
6. *Illi ghalhekk huwa car li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*
7. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta tar-Reġistratur.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna r-rikorrenti qegħdin jitolbu t-tħassir tat-taxxa addizzjonali maħruġa mill-intimat Reġistratur fil-25 t'April 2017 favur il-kuraturi deputati l-intimati Avv Martin Fenech u Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg. Huma qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat Reġistratur sabiex jerġa' joħroġ it-taxxa addizzjonali mill-ġdid fejn id-dritt professjonali tal-intimati kuraturi, kif elenkat:

1. taħt id-data tas-26 ta' Mejju 2006 taħt id-dritt reġistru deżerta, fis-somma ta' €6,434.53 għall-Avukat u €2,144.84 għall-Prokuratur Legali, kif ukoll

2. taħt id-data tat-28 ta' Frar 2017 taħt Dritt Reġistru k/talba, Dritt prokuratur legali fis-somma ta' €31, 585.38

jitħassru, u t-total tal-kolonna Attur Kuraturi tinħadem mill-ġdid biex tirrifletti dan it-tħassir.

L-intimati, għar-raġunijiet indikati fir-risposti rispettivi tagħhom irrespinġew dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sintetikament mill-atti jirriżulta li –

i. **Fit-3 ta' Diċembru 2008** il-mibki Avukat Dr Simon Tortell, debitament awtorizzat in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Chonghaejin Marine Co. Ltd intavola proċeduri Rik Ġur 1213/08 quddiem din il-Qorti diversament preseduta kontra G.S. Specialist Vehicles Ltd u oħrajn għal kull interess li jista' jkollhom fosthom ir-rikorrenti odjerni Stephen Smith u Waterbus International Ltd;

ii. **Fit-13 ta' Jannar 2009**, f'dik il-kawża ġiet intavolata wkoll kontro-talba mill-istess Stephen Smith u Waterbus International Ltd[4];

iii. Wara li ġie nieqes l-Avukat Tortell, b'**nota tat-23 t'April 2013** John Sullivan ġie appuntat biex jirrappreżenta lill-kumpanija estera Chonghaejin Marine Co. Ltd, liema assunzjoni tal-atti ġiet revokata b'digriet tal-Qorti fl-**20 t'Ottubru 2014**;
iv. Permezz ta' **Nota datata 21 ta' Novembru 2014**[5] l-avukat Frank Testa rrinunzja għall-patroċinju tas-soċjeta' attriċi;

v. Waqt is-**seduta tas-27 ta' Novembru 2014**[6], sabiex tingħata l-opportunita' lill-attriċi li tiddikjara jekk kienx għad fadlilha nteress fil-kawża kif ukoll sabiex il-konvenuti jkollhom żmien adegwat sabiex jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom, il-Qorti ddifferiet il-każ *sine die*;

vi. Fis-**26 ta' Mejju 2015**[7] il-konvenuti f'dik il-kawża Stephen Smith u Waterbus International Ltd intavolaw rikors permezz ta' liema ppremettew li filwaqt li s-soċjeta' attriċi ma kienx jidher li fadlilha nteress biex issegwi t-talba prinċipali tagħha, huma kien għad għandhom interess li l-kontro-talba tiġi trattata u deċiża. Huma nfurmaw lill-Qorti li kontestwalment ma' dan ir-rikors kienu ntavolaw rikors ieħor għar-riappuntament tal-kawża, limitatament għall-fini tat-trattazzjoni tal-kontro-talba[8], iżda peress li s-soċjeta' Chonghaejin Marine Co. Ltd ma kellhiex preżenza hawn Malta u lanqas kellha rappreżentazzjoni f'pajjiżna huma talbu lill-Qorti taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil dik is-soċjeta' għall-fini tal-kontinwazzjoni tal-kontro-talba;

viii. L-għada, **27 ta' Mejju 2015**[9], il-konvenuti l-oħra f'dik il-kawża GS Specialist Vehicles Ltd, George Smith u Gladys Smith intavolaw rikors permezz ta' liema b'referenza għall-fatt li l-kawża kienet ġiet differita *sine die* kif ukoll b'referenza għat-talba tal-konvenuti l-oħra għar-riappuntament tal-kontro-talba, huma talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara l-azzjoni prinċipali deżerta peress li t-

[4] Fol 66 et seq
[5] Fol 49
[6] Fol 48
[7] Fol 54
[8] Fol 69
[9] Fol 72

terminu perentorju ta' sitt xhur minn mindu l-kawża kienet marret *sine die* kien skada;

ix. Permezz ta' **digriet datat 8 ta' Ġunju 2015**,[10] billi ma deher ħadd biex jaċċetta l-kurazija, l-Qorti nnominat lill-Avukat Martin Fenech u lil PL Jeremy Buttigieg bħala kuraturi tas-soċjeta' attriċi għall-fini tal-kontro-talba;

x. Permezz ta' **digriet datat 8 t'Ottubru 2015**[11] il-Qorti, wara li rat ir-rikors tas-27 ta' Mejju 2015, il-verbal tas-27 ta' Novembru 2014 u l-bqija tal-atti tal-kawża, peress li ma rriżultalhiex li s-soċjeta' attriċi kienet għamlet talba għar-riappuntament tal-kawża prinċipali wara li l-proċeduri kienu marru sine die, ddikjarat ir-rikors ġuramentat tal-istess soċjeta' attriċi bħala deżert għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;
xi. Il-kontro-talba kienet ġiet riappuntata għat-**2 ta' Novembru 2015** sakemm finalment ġiet deċiża fit-**28 ta' Frar 2017**[12].

Esposti l-fatti saljenti għall-fini tal-proċeduri odjerni, it-talbiet tar-rikorrenti fl-kawża odjerna huma bbażati fuq żewġ binarji:

a. It-tneħħija tad-drittijiet professjonali tal-kuraturi deputati fuq il-kawża prinċipali; u

b.It-tneħħija tad-drittijiet professjonali tal-kuratur deputat il-PL Jeremy Buttigieg fuq il-kontro-talba.

## a. It-tneħħija tad-drittijiet professjonali tal-kuraturi deputati fuq il-kawża prinċipali

Bħala fatt, huwa paċifiku li t-taxxa tad-drittijiet tal-kuraturi deputati fil-kawża Rik Ġur 1213/08 inħadmet kemm fuq il-kawża prinċipali kif ukoll fuq il-kontro-talba. Dan peress li fi kliem Emanuel Sciriha waqt ix-xhieda tiegħu *"id-digriet tal-ħatra tal-kuraturi ħareġ fit-8 ta' Ġunju 2015, meta kemm it-talba u kemm il-kontro-talba kienu għadhom attivi*[13]*."* Infatti l-pożizzjoni meħuda mir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali f'dawn il-proċeduri hija li ndipendentment mill-mod kif saret it-talba għall-ħatra tal-kuraturi, ġjaladarba dawn ġew appuntati qabel ma' l-kawża prinċipali ġiet dikjarata deżerta mill-Qorti fit-8 t'Ottubru 2015,

[10] Fol 18
[11] Fol 19
[12] Fol 83 et seq
[13] Fol 174

il-kuraturi għandhom dritt għal terz kemm tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-kontro-talba.

Il-Qorti tirreferi għall-**artikolu 964 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk -

*"964.(1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivilili, wara li tkun ġiet mressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita sine die jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:".*

Fil-fehma tal-Qorti dan il-provvediment tal-liġi huwa ċar fl-intendiment u fl-applikazzjoni tiegħu:

Kawża li tkun qed tinstema' quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili u li b'ordni tal-Qorti tkun ġiet differita *sine die*, "għandha titqies bħala deżerta" (**<u>mela allura mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ulterjuri tal-Qorti</u>**) sakemm –

i. ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita; jew

ii. ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid.

Issa fil-kawża odjerna, l-proċeduri Rik Nru 1213/08 ġew differiti *sine die* nhar is-27 ta' Novembru 2014. Kwindi, t-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit mill-liġi għar-riappuntament tal-kawża kien jiskadi fis-27 ta' Mejju 2015. Kienu biss il-konvenuti (rikorrenti odjerni) Stephen Smith u Waterbus International Ltd li entro dan it-terminu, u ċioe' fis-26 ta' Mejju 2015, ntavolaw rikors għar-riappuntament tal-kontro-talba. Minn naħa l-oħra mhux biss il-kawża prinċipali ma ġietx appuntata mill-ġdid mill-Qorti fil-perjodu ta' sitt xhur imsemmi, iżda lanqas sar xi tentattiv sa egħluq dak l-istess żmien għan-nom tas-soċjeta' attriċi sabiex il-kawża prinċipali terġa' tiġi ri-appuntata.

Għaldaqstant il-kawża prinċipali ma tistax ħlief titqies deżerta għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sa mis-27 ta' Mejju 2015.

Il-fatt li mal-għeluq tat-terminu perentorju ta' sitt xhur, il-konvenuti l-oħra f'dik il-kawża GS Specialist Vehicles Ltd, George Smith u Gladys Smith kienu ntavolaw rikors sabiex jitolbu lill-Qorti tikkonferma d-deżerzjoni tal-kawża prinċipali u l-fatt li din il-konferma waslet aktar minn erba' xhur wara b'digriet li ngħata f'Ottubru 2015, ma jbiddel xejn mill-fatt li legalment l-azzjoni prinċipali tas-soċjeta' attriċi kienet waqgħet deżerta nhar is-27 ta' Mejju 2015.

Konsegwentement, la l-ħatra tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Martin Fenech u l-PL Jeremy Buttigieg sabiex jirrapreżentaw l-interessi tas-soċjeta' attriċi fil-kontro-talba saret fit-8 ta' Ġunju 2015, u allura **wara** li l-kawża prinċipali kienet diġa' marret deżerta skont il-liġi, mhuwhiex ġustifikat l-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali li ntaxxa d-dritt dovut lilhom anke fuq l-azzjoni prinċipali.

Ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti żżid ukoll li, kif jirriżulta mill-provi mressqa, it-talba għall-ħatra tal-kuraturi deputati u d-digriet relattiv tat-8 ta' Ġunju 2015 kienu espressament limitati għall-kontro-talba. Allura dan il-fatt ikompli jsaħħaħ il-konvinċiment tal-Qorti li t-taxxa addizjonali ta' drittijiet dovuti lill-kuraturi ma kellhiex tinkludi drittijiet lil dawn il-kuraturi fuq l-azzjoni prinċipali.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimat odjern il-kuratur deputat Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg stess iddikjara permezz ta' Nota datata 6 ta' Mejju 2020[14] li huwa ma kienx qiegħed jinsisti fuq id-drittijiet fuq it-talba prinċipali (għalkemm żamm fermi d-drittijiet tiegħu fuq il-kontro-talba).

**Għaldaqstant il-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti odjerni għat-tħassir ta' dik il-parti tat-taxxa addizzjonali taħt id-data tas-26 ta' Mejju 2006 taħt id-dritt tar-reġistru deżerta fis-somom indikati rigwardanti l-avukat u l-prokuratur legali.**

**b. <u>It-tneħħija tad-drittijiet professjonali tal-kuratur deputat il-PL Jeremy Buttigieg fuq il-kontro-talba</u>**

Ir-rikorrenti jargumentaw li dan il-kuratur deputat lanqas m'għandu jibbenefika mid-drittijiet fuq il-kontro-talba peress li fi kliemhom huwa la qatt serva fil-kawża Rik Nru 1213/08, f'dik l-epoka kien impjegat f'ditta barra l-Qorti bħala konsulent legali u ftit xhur wara li kien ġie nominat bħala kuratur huwa ħa l-lawrja ta' avukat u ħadem bħala tali. Dan mingħajr ma qatt irrinunzja għall-

[14] Fol 169

patroċinju peress li ma baqax prokuratur legali u lanqas avża li laħaq avukat u li kien ser iservi ta' avukat.

Mill-atti fost oħrajn jirriżulta li l-intimat Jeremy Buttigieg ottjena l-warrant ta' prokuratur legali fit-23 ta' Mejju 2013[15]u l-warrant biex jipprattika ta' avukat fis-6 ta' Settembru 2016[16]. Skont ix-xhieda tad-Direttur fid-Dipartiment tal-Ġustizzja, ma jirriżultax li huwa kien fil-frattemp ċeda xi wieħed minn dawn iż-żewġ warrants[17]. Ir-rikorrenti jilmentaw li dan l-intimat kien ottjena l-warrant ta' avukat u beda jaħdem bħala tali meta kienet għadha pendenti l-kawża Rik Nru 1213/08.

Il-Qorti iżda tirrileva li sa minn xhur qabel ma' dan l-intimat kien ottjena l-warrant ta' avukat, il-kawża kienet diġa' ġiet differita għas-sentenza[18]. Anke n-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta l-kuratur l-ieħor l-Avukat Martin Fenech ukoll ġiet preżentata fl-1 t'Awissu 2016[19] qabel ma' Buttigieg ottjena l-warrant. Isegwi li bħala fatt, fil-mument li huwa ottjena l-warrant ta' avukat, il-kawża in kwistjoni kienet pendenti biss għas-sentenza.

Il-Qorti tqis ukoll li kwalunkwe referenza li r-rikorrenti qegħdin jagħmlu għall-ħatriet u preżenza tal-intimat Buttigieg f'kawżi oħra fil-kwalita' ta' kuratur deputat bħala prokuratur legali m'għandhomx jinfluwixxu fuq il-każ odjern stante li dak li jirrigwarda l-proċeduri odjerni huwa x'seħħ fil-kawża Rik Nru 1213/08 u mhux fi proċeduri oħra.

Ir-rikorrenti qegħdin jagħmlu ħafna enfasi fuq diversi aspetti oħra fosthom li waqt ix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti ma ftakarx il-mertu tal-kawża, li fl-epoka tal-ħatra tiegħu fil-kawża huwa kellu mpjieg ieħor band'oħra u li ma kienx ikun fiżikament preżenti b'mod regolari speċjalment fir-Reġistru tal-Qorti. Fatturi li għall-Qorti pero' ma jirriżultawx bażi adegwata biex iċaħħduh milli jirċievi d-drittijiet spettanti lilu fil-kawża in kwistjoni.

Jiġi nnutat invece li fil-kawża Rik Nru 1213/08, fl-20 t'Ottubru 2015 il-prokuratur legali msemmi ġie notifikat personalment fl-edifizju tal-Qorti bl-atti ta' dik il-kawża.

[15] Fol 14
[16] Fol 13
[17] Fol 31 et seq
[18] Ara verbal tad-19 t'April 2016 a fol 76
[19] Fol 77

Dak li nvece l-Qorti tinnota li r-rikorrenti m'għamlux aċċenn għalih huwa l-fatt li l-ħatra ta' kuraturi deputati fil-proċeduri Rik Nru 1213/08 saret wara talba appożita li saret minnhom stess. Jiġi ulterjorment sottolineat li għalkemm il-ħatra tal-kuraturi saret fit-8 ta' Ġunju 2015 u s-sentenza finali mill-Qorti ngħatat kważi sentejn wara, u ċioe' fit-28 ta' Frar 2017, ir-rikorrenti f'ebda stadju tal-kawża ma kienu ressqu xi lment jew oġġezzjoni rigwardanti l-idoneita' o meno u/jew l-operat tal-intimat Jeremy Buttigieg fil-kwalita' tiegħu ta' kuratur deputat bħala prokuratur legali. Dan jingħad partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-maġġor parti tal-evidenza li ressqu r-rikorrenti fil-konfront ta' Jeremy Buttigieg jirrigwardaw proprju avvenimenti u allegazzjonijet li jirrisalu għall-perjodu tul il-ħatra tiegħu fil-kawża u allura dawn kienu verifikabbli waqt li l-kawża kienet għadha pendenti. Stranament pero' huwa biss issa li ġew rinfaċċjati bil-kont tal-ħlas tat-taxxa li r-rikorrenti qegħdin jiggranfaw ma' kull skuża possibbli sabiex jiġu eżonerati milli jħallsu d-drittijiet dovuti lill-intimat imsemmi.

Inoltre, kien fis-sentenza stess tat-28 ta' Frar 2017 li l-Qorti ddeċidiet li l-kuraturi deputati appuntati kellhom jitħallsu skont il-liġi. Jekk ir-rikorrenti odjerni kien jidhrilhom li l-intimat PL Jeremy Buttigieg ma kienx jimmerita li jirċievi drittijiet għar-raġunijiet li qegħdin jissollevaw issa fil-kawża odjerna, kellhom il-liberta' kollha li jintavolaw appell sabiex jattakkaw almenu dik il-parti tas-sentenza. Imma dan ma sarx. U allura ma jistgħux jiġu issa jressqu appell indirett minn deċiżjoni ta' dik il-Qorti permezz tal-kawża ta' ritassa li l-iskop tagħha mhuwhiex li tindaga *per se* l-operat ta' min huwa ntitolat li jirċievi d-drittijiet iżda li tindaga dwar il-mod kif ġew intaxxati u likwidati l-ispejjeż ġudizzjarji mir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tarax li t-talba tar-rikorrenti marbuta ma' dan l-ilment timmerita li tiġi akkolta.**

L-eċċezzjonijiet tal-intimati sejrin jiġu miċħuda ħlief safejn kompatibbli ma' dak li ġie deċiż fis-sentenza.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza;**

**2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-PL Jeremy Buttigieg ħlief safejn inkompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza;**

**3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dr Martin Fenech ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza;**

**4. Tilqa' limitatament it-talba tar-rikorrenti u tordna t-tħassir tat-taxxa addizzjonali maħruġa fil-25 t'April 2017 favur il-kuraturi deputati, intimati Avv Martin Fenech u Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg u tordna lill-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jerġa' joħroġ taxxa addizzjonali mill-ġdid fejn id-dritt professjonali tal-istess intimati kuraturi deputati, elenkat taħt id-data tas-26-May-06 taħt id-Dritt reġistru deżerta, fis-somma ta' €6,434.53 għall-Avukat u €2,144.84 għall-Prokuratur Legali jitħassar, u t-total taħt il-kolonna Attur Kuraturi jinħadem mill-ġdid biex jirrifletti dan it-tħassir;**

**5. Tiċħad il-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti;**

**6. Peress li mhux it-talbiet kollha tar-rikorrenti ġew milqugħa, huma għandhom iħallsu 1/5 tal-ispejjeż tal-kawża. Il-bqija tal-ispejjeż għandu jagħmel tajjeb għalihom l-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**